TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 86/25/F

Marco Galea u Rita Galea

vs

Charles Borda

Illum, 27 ta' Ottubru 2025

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-7 ta' Mejju 2025;

Ra li l-Intimat ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba nhar it-18 ta' Mejju 2025;

Ra li l-Intimat baqa' ma ppreżentax Risposta ankè wara li ġie koncess opportunità ulterjuri għal dan il-għan skont il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2025;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti Rita Galea bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-Intimat naqas milli jattendi għall-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2025 minkejja li kien jaf biha għax kien attenda għas-seduta preċedenti;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-Intimat jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' disa mitt Euro (€900) rappreżentanti rifużjoni totali tas-somma mħallsa minnhom lill-Intimat sabiex isir xogħol ta' tiswija ta' sadid u żebgħa

(spray) fuq il-vann tagħhom tal-marka Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni ABX-535. Jgħidu li ħaqqhom rifużjoni minħabba li fil-fehma tagħhom ix-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa minn naħa tal-Intimat.

Illi r-rikorrenti Rita Galea xehdet bil-ġurament quddiem it-Tribunal fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2025 u spjegat li hi u żewġha nkarigaw lill-Intimat bix-xogħol għax kienu jafuh minn qabel. Fis-27 ta' Settembru 2024 konsenjawlu l-vann u wara li ra x-xogħol, qalilhom li l-prezz tax-xogħol kien ser ikun ta' €900, għax kien hemm bżonn ukoll li jinqala' l-*windscreen*. Sar il-ħlas u tiegħu ingħata irċevuta, li Galea eżebiet waqt ix-xhieda tagħha. Tispjega li kienu ftehmu li x-xogħol jitlesta sad-29 ta' Jannar 2025 imma minn dan ma mmaterjalizza xejn. Ġabru l-vann permezz ta' servizz ta' rmonk fl-24 ta' Marzu 2025. Xi xogħol kien sar imma l-windscreen kien għadu qed jagħmel l-ilma u fejn sar xogħol ta' żebgħa kien hemm ħafna ċarċir. Ir-Rikorrenti ppreżentat sensiela ta ritratti immarkati li jikkonfermaw dak minnha spjegat fix-xhieda. Tagħlaq billi tispjega li tkellmu mal-Intimat sabiex tinstab soluzzjoni, anke bl-intervent tal-MCCAA imma baqa' ma mmaterjalizza xejn u għalhekk saru dawn il-proċeduri.

Illi minkejja li kien debitament notifikat u saħansitra ingħata t-tieni opportunità, l-Intimat baqa' ma ppreżentax Risposta u naqas ukoll milli jidher għas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2025 meta nstemgħu il-provi.

Illi bis-silenzju tiegħu, l-Intimat effettivament naqas milli jikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan li kieku ried. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-Intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom skont il-liġi u li dak li qed jitlobi jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhom bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, wara li qies sewwa l-provi kollha in atti, it-Tribunal iqis li t-talba ta' disa mitt Euro (€900) magħmula mir-Rikorrenti kif sostnuta mill-ispjega bil-ġurament u d-dokumenti eżebiti in atti, għandha mis-sewwa u għalhekk, timmerita akkoljiment.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-Intimat iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' disa mitt Euro (€900).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-Intimat.

Avv. Mattia Felice
Arbitru